**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 36 – L-ERBGĦA 1 TA' SETTEMBRU 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**36.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

36.1.1 Ma kienx hemm.

**36.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

36.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (35) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Emanuel Zammit issekondah.

36.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 36.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

36.3.1 Ma kienx hemm.

## 36.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

36.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li rigward il-proġett ta' Triq il-Wied, il-Kuntrattur kien qed jindirizza snag list fosthom l-ispralli tal-ilma tax-xita li qed jinbidlu skont kif ġie nfurmat il-Kunsill. Jidher ukoll li għad iridu jiġu kkonnettjati mal-infrastruttura *underground* biex jibdew jiffunzjonaw. Għad hemm numru ta' korrezzjonijiet li jridu jsiru fl-imsemmija triq u dan wara numru ta' osservazzjonijiet li saru mill-Kunsill. Is-Sindku ikkonkluda li l-Uffiċċju huwa nfurmat li x-xogħlijiet jiġu konklużi fl-immedjat.

36.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar is-suġġett tal-Bring-in-Sites fejn kontra x-xewqa tal-Kunsill, kellu jiġi identifikat sit fl-Iklin biex jerġgħu jiġu mplimentat sett ta' Bring-in-Site fil-lokalità skont Avviż Legali li daħal fis-seħħ f'April li għadda. Is-Sindku semma li wara li saru numru ta' spezzjonijiet, informa li kien identifikat sit fi Triq San Mikiel man-naħa tal-ħitan tas-sejjiegħ qabel ma tibda tiela lejn Triq il-Wied. Il-propost sit huwa distanti mill-abitat u milħuq mill-Ikliniżi li jirrisiedu fil-lokal għax huwa post ċentrali, hemm l-ispazju suffiċċjenti biex wieħed jieqaf u jiddisponi mill-materjal riċiklabbli, u apparti li se jkun mgħasses b'CCTV skont il-ftehim li ser jiġi ffirmat mal-iskema awtorizzata GreenMT, hemm ukoll is-sorveljanza taż-żona li hija mmaniġġjata mill-Aġenzija LESA. B'hekk il-Kunsill ikollu sorveljanza kontinwa ta' dawn il-kontenituri biex ma jkunx hemm abbużi. Semma wkoll li matul dan l-aħħar xhur, il-Kunsill kien għamel ameljorament fl-immaniġġjar tat-traffiku fejn żied madwar (16)-il parkeġġ fi Triq San Mikiel u għaldaqstant it-tneħħija ta' parkeġġ jew tnejn biex jitqiegħdu l-Bring-in-Sites huwa wieħed minimu. *Nem con*.

36.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li b'sorpriża għalih, il-Kunsill Lokali L-Iklin kien ippremjat fit-tielet post minn fost il-Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex tal-*Malta Waste Reduction Awards* 2021. Bħala *Runner Up* f'dan l-*Award for Waste Management Category*, il-Kunsill ingħata wkoll grant ta' Eur2k biex jiġu investiti fil-lokalità permezz ta' inizjattiva ambjentali. Dan il-grant jista jiġi utilizzat sa Diċembru 2022.

Ikkonkluda li dan il-premju jmur lejn ir-residenti ta' din il-lokalità li qed jikkoperaw bis-sħiħ fl-immaniġġjar tal-iskart. Huwa wkoll ta' unur għall-Kunsill Lokali L-Iklin li rnexxielu jikseb dan ir-riżultat għas-sena 2021.

Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo li attendiet għal din is-serata u rċeviet dan il-premju ssuġġeriet sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb jorganizza *clean up* fil-lokal biex nagħmlu użu minn dan il-grant.

Il-Kunsillier Emanuel Zammit ressaq ukoll suġġeriment biex il-Kunsill joħloq kampanja fuq il-midja soċjali dwar ir-riċiklaġġ.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li dawn huma kollha inizjattivi ambjentali tajbin u nikkunsidrawhom. Semma wkoll kif il-Kunsill riċentement għadu kif implimenta numru ta' *litter bins* bħala prova f'erba' siti differenti u qal li jekk naraw li ma jkunx hemm diffikultajiet, il-Kunsill jista jikkunsidra li jżid aktar *litter bins* fil-lokal.

## 36.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

36.5.1 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar l-allokazzjoni riċenti ta' żewġ Reserved Parking for the Disabled f'distanza relattivament qasira fejn informa li wieħed mill-ispazji riservat huwa allokat għal vettura reġistrata fuq persuna partikolari u l-ispazju l-ieħor jidher li huwa *communal*.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta hija l-awtorità regolatorja li toħroġ tali permessi wara li tkun ikkonsultat mall-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilità u wkoll mall-Kunsill Lokali rispettiv. Ikkonkluda li fl-aħħar mill-aħħar, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta toħroġ dawn il-permessi.

## 36.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

36.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-3 u t-30 ta' Awwissu 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

36.6.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1412/21. New Funding Opportunities – Better Environment in our Local Urban Spaces.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li s-Segretarju Eżekuttiv kien ser jattendi għal din is-sessjoni informattiva b'mod virtwali.

Il-Kunsillier Bernice Farrugia talbet biex naraw x'opportunitajiet jeżistu ta' fondi biex nappoġġjaw L-Iklin Scout Group.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li ftit tal-ġimgħat ilu kellu laqgħa flimkien mall-Kunsillier Emanuel Zammit mas-Sur Emanuel Grech bħala *Scout Leader* fejn qed jitolbu għajnuna finanzjarja li teċċedi Eur100k biex jibnu l-premises tagħhom. Informa li diġa marru għand Servizzi Ewropej Malta biex jaraw jekk jeżistux opportunitajiet. Is-Sindku qal li da parte tal-Kunsill diġa għamilna l-indaġni tagħna ma' SEM iżda sallum ma jidhirx li jistgħu jibbenifikaw minn opportunitajiet ta' fondi għall-kostruzzjoni ta' bini. Is-Sindku żied jgħid ukoll li l-Kunsill ma jistax jgħin b'fondi diretti mill-Kunsill però nistgħu nippruvaw nesploraw opportunitajiet ta' sponsorships mall-privat.

36.6.3 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar il-korrispondenza nru. 1432/21. Kopja ta' ittra mibgħuta lil Local Government Division dwar fondi mogħtija – SPI/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' proġetti kapitali – Aċċessibilità u Mobilità

Is-Sindku Dott. Sciberras spjega li din l-iskema kienet ħarġet madwar sena ilu fejn il-Kunsill kien applika u fejn ippreżenta proposta għall-proġett 'SLOW STREET'.

36.6.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1462/21. PA 4286/21 – Council Hall – Notification of Development Permit Application Report and Commission Meeting Date.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill għandu applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar *additions* fis-Sala tal-Kunsill liema deċiżjoni ser tittieħed nhar it-22 ta' Settembru.

36.6.4 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1515/21. Planning Applications / decisions as at 18th August.

36.6.5 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1529/21. Ittra anonima minn resident fi Triq Alfons Maria Galea dwar nuqqas suffiċċjenti ta' dawl fit-triq.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill ħa nota tal-kontenut u se nitkellmu mall-kuntrattur biex nassiguraw dawl tajjeb fit-triq.

36.6.6 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1539/21. Implimentazzjoni ta' *collapsible bollards* fi Triq Ġeronimo Abos.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li bħala titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku fl-Iklin, il-Kunsill kien ottjena l-permess mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex jiġu mplimentati *collapsible bollards* biex nikkontrollaw l-aċċess bl-iskop li nassiguraw is-saħħa u s-sigurtà fit-toroq tal-Iklin.

**COMPLAINTS SHEET (3 - 30 t'Awwissu 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 170 | 03/08/2021 | Quddiem il-banka tal-lottu fis-service road ta' Triq Dun Karm, kienu tneħħew 2 siġriet għax tqaċċtu. Talba biex jithawwlu oħrajn minflokhom. | pending | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 171 | 03/08/2021 | Id-dawl ta' barra ta' numru ta' toroq f'Upper Iklin qed jibqa mixgħul lejl u nhar | settled | various | **ENEMALTA** |
| 172 | 03/08/2021 | Hemm partijiet mill-kurduna maqlugħin fi Triq Geronimo Abos faċċata ta' stabbiliment tan-negozju. | settled | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |
| 173 | 12/08/2021 | Resident minn Triq GM Azzopardi qed jilmenta li qed jidħollu l-ilma fil-*basement*. | pending | Triq GM Azzopardi | **W.S.C.** |
| 174 | 04/08/2021 | Ilment dwar numru ta' ġrieden fi Triq il-Prinjol. | settled | Triq il-Prinjol | **PUBLIC HEALTH** |
| 175 | 04/08/2021 | Din ir-residenta qed ikollha problema biex toħroġ mill-garage fi Triq AM Galea peress li jkun hemm il-karozzi pparkjati faċċata u hemm MC bay mal-ġenb tal-garage li jipparkjaw 3 muturi. Din għandha dgħajsa u qed tkun problema biex taċċessa l-garage. | pending | Triq AM Galea | **COUNCIL** |
| 176 | 04/08/2021 | Rapport li fi Triq Ġwann Mamo kien hemm crane jaghmel xi xogħlijiet mal-faċċata u laqat il-bozza li hemm mal-istess faċċata. | pending | Triq Ġwann Mamo | **COUNCIL** |
| 177 | 09/08/2021 | Hemm kaptell imkisser tal-GO fi Triq GE Mercer c/w Triq Ġużè Bonnici. | pending | Triq GE Mercer | **GO p.l.c** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 178 | 10/08/2021 | Leakage ta' ilma fi Triq Karmenu Vassallo | pending | Triq Karmenu Vassallo | **W.S.C.** |
| 179 | 13/08/2021 | Wire imdendel fi Triq Ġużè' Galea c/w Triq GM Azzopardi. | settled | Triq Ġużè' Galea c/w Triq GM Azzopardi | **GO p.l.c** |
| 180 | 13/08/2021 | Lampa mitfija fi Triq F Borg c/w Triq C Pace | settled | Triq F Borg | **ENEMALTA** |
| 181 | 16/08/2021 | Hemm ħafna mbarazz u ħmieġ madwar il-borehole tal-ilma fi Triq l-Awrikarja. | pending | Triq l-Awrikarja | **COUNCIL** |
| 182 | 16/08/2021 | Leakage tal-ilma fi Triq il-Mużika | pending | Triq il-Muzika | **W.S.C.** |
| 183 | 16/08/2021 | Siġra tesporġi 'l barra fuq il-bankina ta 24, Triq Ċensu Bugeja | settled | Triq C Bugeja | **COUNCIL** |
| 184 | 19/08/2021 | Ilment dwar il-grada ta' Triq in-Naxxar l-Kunsill kellem lill-Ispettur mill-Għassa ta' B'Kara. | pending | Triq in-Naxxar | **Police** |
| 185 | 19/08/2021 | Lampa mitfija fi Triq PA Cuschieri | pending | Triq P A Cuschieri | **LC CONTRACTOR** |
| 186 | 19/08/2021 | Water leakage fi Triq G M Azzoaprdi | settled | Triq G M Azzopardi | **WSC** |
| 187 | 24/08/2021 | Ilment dwar ħsejjes kbar minħabba tappieri ġodda fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **INFRASTRUCTURE MALTA** |
| 188 | 25/08/2021 | Hemm tappiera tal-plastic fuq il-bankina fi Triq il-Wied li meta din il-persuna għaddiet minn fuqha, sfrundat u weġġħet saqajha. Biex issir immedjatament. | pending | Triq il-Wied | **INFRASTRUCTURE MALTA** |
| 189 | 27/08/2021 | Talba biex Sqaq fi Triq il-Ħwawar jingħata isem. F'dan l-isqaq joqgħodu 5 familji. Qed tkun ta' problema għalihom biex in-nies isibuhom peress li m'għandhomx l-isem tal-isqaq. | pending | Triq il-Hwawar | **COUNCIL** |
| 190 | 27/08/2021 | Hemm il-gradilja ta' quddiem Triq l-Awrikarja qed tiċċaqlaq ħafna u qegħda ta' periklu għas-sewwieqa. | pending | Triq il-Wied | **INFRASTRUCTURE MALTA** |
| 191 | 27/08/2021 | Hemm cable live tad-dawl li qiegħed ta' periklu fuq il-bankina fi Triq il-Wied. | pending | Triq il-Wied | **INFRASTRUCTURE MALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 192 | 28/08/2021 | Bankina difettuża Triq Għargħur c/w Sqaq Giarda | pending | Triq Gharghur | **COUNCIL** |
| 193 | 28/08/2021 | Boroż bit-terrapien taħt tabella fi Triq Għargħur | pending | Triq Gharghur | **COUNCIL** |
| 194 | 28/08/2021 | Creeper kibret ma arblu tad-dawl quddiem 103, Triq il-Wied u qabdet mal-wires tal-Korporazzjoni Enemalta | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 195 | 30/08/2021 | Talba ghal refresh ta Disabled parking 17, Triq G Calleja | pending | Triq G Calleja | **COUNCIL** |

## 36.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

36.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

36.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

36.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

36.7.6 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' ndafa pubblika minn akkumulu ta' skart fi Triq l-Awrikarja u Triq it-Timu mingħand il-fornitur Charlie Mifsud għall-prezz ta' Eur1121.00 VAT inkluż. *Nem con*.

## 36.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

36.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

36.8.2 Applikazzjoni PA 08307/21 – Plot 9, Triq Ġeronimo Abos c/w Triq Ċensu Bugeja Iklin – To construct office building

in an undeveloped site. Proposal consists of two basement car-parking levels (15 parking spaces and 1 garage) and five overlying floors (including setback level) comprising a small Class 4D development and Class 4A offices with ancillary facilities.

Notification of Development Permit Application Report and Commission Meeting Date – 22 September 2021.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-aħjar mod ta' kif numxu b'mod ġenerali huwa li l-Kunsill jissottometti r-rappreżentazzjoni tiegħu kull darba li l-konsulenti tagħna jirrimarkaw jew aħjar jirrakkomandaw fuq l-applikazzjonijiet però r-residenti għandhom joġġezzjonaw fuq bażi personali għaliex jista jagħti l-każ li l-oġġezzjoni tal-Kunsill u dik tar-resident ma tkunx in sinkronija u għaldaqstant importanti li nwasslu dan il-messaġġ. B'hekk ir-resident ikollu vuċi diretta u anke jsaħħaħ l-oġġezzjoni tiegħu.

Dwar din l-applikazzjoni, il-Kunsill iżomm mar-rappreżentazzjoni li kien għadda lill-Awtorità tal-Ippjanar f'Jannar ta' din is-sena.

36.8.3 Applikazzjoni PA 05333/21 – Id-Dwejra, Private Road in Triq Fredrick Borg – Demolition of existing fully detached bungalow (inc. Basement rooms, garage and ground floor accomodation) and construction of new bungalow (inc. pool at basement level).

36.8.4 Applikazzjoni PA 03188/21 – 6, Triq Ġużè Ellul Mercer 'Proposed alterations to PA 00325/20 including sanctioning and change of foundation level to basement parking level, splitting of duplex penthouse to create an additional unit and correction of site extents.

3r6.8.5 Applikazzjoni PA 04701/21 – 76, Triq Stefano Erardi Iklin 'To form internal opening between dwelling and garage and to sanction removal of internal walls, use of rooms and existing tree in the backyard'.

## 36.9 FINANZJAMENT TA' PROĠETTI KAPITALI AĊĊESSIBILITÀ U MOBBILITÀ

36.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li kien talab laqgħa mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-proġett SLOW STREET PROJECT.

Fil-fatt, is-Sindku Dott. Sciberras iltaqa' mas-Sur Mario Fava bħala l-President tal-Assoċjazzjoni u mas-Sur Michael Cohen min-naħa tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta bl-ideja li l-Awtorità tassisti lill-Kunsill fl-implimentazzjoni tal-proġett SLOW STREET peress li l-proposta li ġiet ippreżentata lid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy kienet tirrigwarda tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku u biex tħaddem dan il-proġett anke jekk fuq perjodu ta' żmien, ried li jkollna l-assistenza ta' numru ta' uffiċċjali fuq it-toroq tal-Iklin.

Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien wieħed minn numru ta' Kunsilli li kien eliġibbli għall-Finanzjament ta' Proġett Kapitali Aċċessibilità u Mobbilità.

Il-Kunsill kien ippreżenta proposta dwar tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku taħt l-umbrella ta' SLOW STREET Resident First Project' bl-iskop li matul *rush hour* ma' jidħolx *foreign traffic* fil-qalba tar-raħal.

Fil-fatt il-Kunsill kien saħansitra attenda għal Press Conference u fejn il-Kunsill kien rappreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Etienne biex jirċievi l-*grant agreement*. Is-Sindku żied jgħid li ma kienx ser jidħol fil-mertu tal-grant li minn spiża ta' circa Eur6k biex isir il-proġett, il-Kunsill ingħata grant ta' Eur1,200.

Is-Sindku kompla billi qal li b'sorpriża għalih li waqt din il-laqgħa, l-Uffiċċjal minn TM informa li l-proġett ma jistax jintlaqa' għaliex l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ma tapprovax immniġġjar tat-traffiku 'Except for Residents'.

Ċertament ma kenitx notizja pjaċevoli u wara li s-Sindku ipprova jispjega l-proposta li wara kollox kienet evalwata minn Bord u eventwalment eliġibbli mid-Direttorat, jirriżulta li min ta l-grant, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ma kenitx involuta fil-proċess.

Ġejna infurmati li jekk jingħalqu toroq taħt il-proġett 'SLOW STREET', it-toroq jingħalqu għal kulħadd. Dan ifisser li l-Kunsill irċieva l-*grant* imma ma nistgħux nipproċedu bil-proġett.

Is-Sindku żied jgħid li kemm is-Sur Fava u kemm is-Sur Cohen ippruvaw isibu sistema li taħdem u fejn ġie ssuġġerit li minflok l-egħluq tat-toroq f'ċertu ħinijiet, tiġi kkunsidrata l-ideja li jitnaqqas l-*ispeed limit* mit-toroq residenzjali jew tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku eżistenti. Iżda waqt id-diskussjoni ħareġ ukoll il-punt li l-Awtorità ma tistax tipprovdi s-servizz tal-Uffiċċjali minkejja l-fatt li lanqas biss wasalna biex niddiskutu jew ninnegozjaw min ser jassorbi l-ispiża jew il-possibiltà ta' prezz ridott meta wieħed jikkunsidra li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta huwa *stakeholder* importanti fuq dan il-proġett 'SLOW STREET'.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li ninsabu fi stadju ta' *status quo* fejn il-proġett qiegħed hemm fuq il-karta, sar l-istudju, iżda ma jistax jiġi mplimentat.

36.9.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo ikkummentat fuq din id-disfatta fejn il-Kunsill ma jistax imexxi b'dan il-proġett.

36.9.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit ukoll esprima d-diżappunt tiegħu fejn ix-xogħol kollu li sar fuq dan il-proġett qed narawh jisfuma fix-xejn fejn anke semma l-element ta' *time consuming* biex tippjana u tfassal proġett ta' din ix-xorta.

36.9.4 Il-Kunsillier Bernice Farrugia ukoll ikkummentat li l-pjan kollu ser jispiċċa u ma jagħmilx sens li l-proġett SLOW STREET' jimpatta b'mod ħażin lir-residenti tal-lokal ladarba l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ma tistax tagħti konċessjoni lill-Kunsill biex il-qalba tar-raħal tingħalaq għal *foreign traffic* matul *rush hour*.

36.9.5 Il-Kunsillier Godwin Catania stqarr li mill-istadju inizjali ta' dan il-proġett ma kienx qed jaqbel mall-kunċett għaliex qal li b'dan il-mod inkunu qed niddiskriminaw ma' żoni oħra fl-Iklin fejn vetturi li ma jitħallewx jgħaddu mill-qalba tar-raħal jispiċċaw ikunu ta' piż fuq toroq oħra.

Semma wkoll li hu kien jaqbel fuq il-prinċipju li triq jew pjazza tingħalaq darba l-Ħadd biex issir attività (one-time activity) biex tkun *car free* u fejn il-komunità ikollha spazju għall-użu tar-rota u rikreazzjoni.

36.9.6 Is-Sindku Dott. Sciberras irrejaġixxa għall-kumment tal-Kunsillier Catania fejn qal li l-kunċett ta' SLOW STREET' kien proprju sabiex jittieħdu inizzjattivi mill-Kunsill fil-każ tal-Iklin billi *foreign traffic* ma jkollux għalfejn jaċċessa l-

qalba tar-raħal iżda jagħmel użu mill-By-Pass biex jasal għad-destinazzjoni tiegħu biex l-impatt fuq it-toroq residenzjali ikun wieħed minimu.

Il-kunċett ta' SLOW STREET twieled fi żmien il-COVID fejn it-toroq ta' Malta dehru *car free* u l-*istakeholders* prinċipali ta' dan il-proġett riedu jfasslu mudell proprju fuq l-esperjenza tal-pandemija fejn riedna nieħdu vantaġġ mir-regolamenti tal-Covid-19 fejn eluf ta' persuni spiċċaw jaħdmu mid-djar b'mod remot u ċertament inħasset id-differenza fil-kwalità tal-arja bin-nuqqas tal-preżenza tal-vettura fuq it-toroq Maltin. Fil-verità, kif il-pajjiż reġa mar għan-normalità, l-*istakeholders* qed jaraw li dan il-mudell ma jistax jitħaddem.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li l-kunċett ta' Resident First, l-awtoritajiet qed jarawh jew qed jinterpretawh b'mod differenti minn dak maħsub mill-Kunsill fejn il-Gvern Lokali f'dan il-każ il-Kunsill Lokali L-Iklin kien qed iħares lejn il-benefiċċji li ser igwadu r-residenti mill-imsemmija toroq billi nibdew nużaw il-kultura tar-rota, nuqqas ta' vetturi jkun ifisser nuqqas ta' emmissjonijiet li jħammġu l-arja u li huma ta' detriment għas-saħħa tal-persuna.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikonkluda li l-Kunsill mhux ser juża fondi pubbliċi meta na nistgħux nimplimentaw l-immaniġġjar tat-traffiku. Naturalment qatt ma nistgħu nbiddlu l-proposta ta' dak il-*grant*.

36.9.7 Wara diskussjoni wiesgħa fuq dan is-suġġett, kien deċiż b'mod unanimu li l-*grant agreement* ma jistax jiġi iffirmat proprju minħabba r-raġunijiet li ssemmew aktar 'il fuq fejn l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ma tistax tagħti permessi għall-immaniġġjar tat-traffiku kif propost mill-Kunsill.

36.9.8 Kien deċiż ukoll li l-Kunsill għandu jikteb lid-Direttorat għall-Gvern Lokali biex jinfurmahom bl-eżitu ta' din id-diskussjoni filwaqt li ssir ittra lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex dak li ġie diskuss fil-laqgħa ta' nhar il-31 ta' Awwissu li saret ġewwa l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali tingħata lill-Kunsill bil-miktub.

## 36.10 L-AKKADEMJA SPORTIVA LIJA IKLIN – STAĠUN 2021/2022

36.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li l-Akkademja kienet għaddiet kopja tar-rapport amministrattiv tal-istaġun kalċistiku 2020/2021 fejn irringrazzjaw lill-Kunsill għall-appoġġ sħiħ li qed tingħata lill-Akkademja.

36.10.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet jekk il-Kunsill huwiex f'pożizzjoni li jerġa jappoġġja l-Akkademja Sportiva bis-servizz ta' trasport.

36.10.3 Is-Sindku wieġeb li fil-laqgħat li jsiru fil-Kunsill Reġjonali Ċentru, speċjalment fejn jidħlu l-iskemi finanzjarji, il-Kunsill irnexxielu jerġa jittepja fondi biex inkunu nistgħu ngħinu l-għaqdiet tal-lokal inkluż lill-Akkademja Sportiva Lija/Iklin.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li bħala fundaturi ta' din l-Akkademja, il-Kunsill għandu jara kif jgħin biex din id-dixxiplina sportiva tibqa tiffunzjona u għalhekk il-Kunsill għandu l-obbligu li jkun ko-parteċipi fl-attivitajiet li jiġu organizzati matul is-sena għaliex b'dan il-mod inkunu qed nagħtu formazzjoni lit-tfal tagħna permezz tal-logħba sabiħa tal-futbol. Għaldaqstant il-Kunsill se jkun qed jerġa jipprovdi s-servizz ta' trasport għall-istaġun kalċistiku 2021/2022.

**36.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

36.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru 2021 fil-5.30 p.m.

36.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru 2021 fil-5.30 pm.

36.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.26 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |